# L-Użu tad-Djar Antiki ta' Ħal Tarxien għall-Benefiċċju tar-Raħal Tagħna



Waħda mill-verżjonijiet li tingħata għall-oriġini tal-kelma 'Tarxien' hi li ġejja mill-kelma 'tirxa' jew 'tirx' li tfisser ħaġra jew blata maqtugħa kbira. Ħaġar majestuż mhux biss bħal ma naraw fit-Tempji Neolitiċi li qiegħdu lir-raħal tagħna fuq il-mappa turistika iżda wkoll bħal dak li ntuża biex jinbnew id-djar antiki ta' Ħal Tarxien. Dawn ukoll, jekk jiġu sfruttati tajjeb, jistgħu jkunu mezz biex jattiraw aktar turisti lejn dan ir-raħal.

Kif jista' jintlaħaq dan il-għan? F'dan l-artiklu se nieħu spunt mill-konklużjoni tar-riċerka li kont għamilt meta kont għadni student fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u sejjer inpoġġi l-ideat personali tiegħi, flimkien ma' oħrajn li kienu raw id-dawl permezz ta' suġġerimenti min-nies li kont intervistajt. Jekk dawn jiġu attwati, mhux talli d-djar antiki ma nibqgħux għaddejjin minn ħdejhom qisna b'għamad quddiem għajnejna u mingħajr sens ta' apprezzament għall-wirt storiku li r-raħal tagħna hu miżgħud bih, iżda jkollna garanzija li f'Ħal Tarxien tiżdied l-attività turistika.

Fil-fatt l-użu ta' dar antika li qed tgħin l-aspett ekonomiku diġà qed narawh f'Villa Abela, dar tas-Seklu XVI fi Triq il-Kbira. Illum-il ġurnata din hija magħrufa bħala "Il-Kastell" Wine Bar u kemm Maltin kif ukoll turisti jiffrekwentaw dan il-post. Iżda wisq naħseb li ftit li xejn minn dawn jafu bl-istorja minsuġa bejn il-ħitan ta' din id-dar. Kull ma jirrikjedi biex dan isir hu li titpoġġa xi tabella jew lapida fuq in-naħa ta' barra tal-post, bħal ma hemm ma' Palazzo Falson fl-Imdina jew ma' Casa Crispi fl-istess triq ta' Villa Abela. Fuq din tista' tintwera informazzjoni fil-qosor fuq kif ħadet l-isem oriġinali tagħha u għal x'hiex kienet tintuża matul iż-żminijiet. B'dan il-mod il-lat kummerċjali jkun qed jiġi rikonċiljat ma' l-aspett kulturali.

Inizjattiva bħal din, naturalment

b'kunsens mill-abitanti jew sidien preżenti, tista' ssir fir-rigward ta' djar antiki oħra, bħad-Dar ta' Gana tas-Seklu XVII f'Misraħ ir-Repubblika, id-Dar tal-Logutenent tas-Seklu XVIII fi Triq Sqajjaq, Villa Le Fevré tas-Seklu XVIII li tinsab bejn Triq Santa Marija u Triq Paola u d-Dar ta' Dun Frangisk Caruana tas-Seklu XIX fi Triq ħal Tarxien. Ma' kull waħda minn dawn jista' jitpoġġa tagħrif dwar il-benefatturi u/jew patrijotti li taw sehemhom fl-istorja tar-raħal tagħna. Dawn id-djar antiki jistgħu jinxtegħlu wkoll bi spotlajt u jekk ir-raħal ikun imdawwal u attraenti fi żminijiet oħra barra minn fi żmien il-festa tar-raħal, it-turisti jistgħu jinġiebu f'Ħal Tarxien għal *guided tours*.

F'Villa Dunalistair tas-Seklu XVIII li tinsab fi Triq Sta. Marija kantuniera ma' Triq Agostino Randon mhux biss tista' tintwera informazzjoni fuq Il-ġenerali Baynes, in-nies tas-servizzi u t-Tabib Macfarlene li kienu jgħammru fiha, iżda jista' jsir perjodikament *historical re-enactment* bħal ma' kien isir f'Sant Iermu il-Belt Valletta u fir-Rinella, il-Kalkara. Il-ġrajja storika mill-imgħoddi li tista' tkun rappreżentata hi dik li tfakkar meta t-Turretta li hemm, kienet Torri mibni mill-Granmastru Wignacourt li kien jintuża bħala kwartieri għall-membri tad-Dejma, li kienu stazzjonati hawn biex jipproteġu l-Belt Valletta minn xi invazjoni Torka, min-naħa tan-Nofs in-Nhar ta' Malta. *Historical re-enactment* fil-każ ta' Villa Lanzon tas-Seklu XIX li tinsab fi Triq Paola jkun dwar iż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija meta din id-dar kienet tintuża bħala *Air Intelligence Unit* kif jixhed it-tinqix fuq il-bejt tad-dar ta' dawk li mietu waqt il-Gwerra.

F'inizjattiva oħra għall-użu prolifiku ta' djar antiki ta' Ħal Tarxien jista' jiġi segwit l-eżempju ta' Casa Rocco Piccola ġewwa l-Belt Valletta u jekk fadal xi





għamara u relikwi oħra tal-passat ġo, ngħidu aħna, Villa Barbaro, waħda mill-eqdem vilel f'Ħal Tarxien tas-Seklu XVIII li tinsab fil-bidu ta' Triq Żejtun, din tista' tinfetaħ għall-pubbliku anki jekk bi ħlas minimu.

Id-djar antiki li huma abbandunati jistgħu joffru aktar possibbiltajiet fosthom attivitajiet kulturali bħal xi *exhibitions* jew *lectures* jew inkella jiġu attrezzati bħala mużew fuq l-istorja tar-raħal, drawwiet jew artiġjanat. Id-Dar tal-Kejka hija mudell kif dan jista' verament jitwettaq u fuq l-istess passi jistgħu jimxu d-Dar ta' Manduca tas-Seklu XVI, id-Dar ta' Franku u d-Dar ta' Aspinall tas-XVIII, Palazzo Spadafora tas-Seklu XIX u Villa Cecy tas-Seklu XX.

Dan it-tip ta' bini għad għandu postu u hu ta' valur fl-ambjent Malti; fil-fatt l-Ewropa kollha qed tivvaluta l-bini li jifforma l-identità ta' kull belt jew raħal, anki l-aktar ċkejken. Il-bini irid jiġi protett u utilizzat għal skopijiet kulturali u turistiċi ħalli l-memorja ta' missirijietna li welldu u ffurmaw il-karattru li nippossjedu ma tmutx u d-djar antiki ma jibqgħux abbandunati iżda ippreservati għall-posterità.

Mezzi jeżistu u mhux impossibli li jitwettaq dak li għadu kif ġie issuġġerit. Fil-fatt, anki l-Gvern illum il-ġurnata joffri għajnuna finanzjarja għal proġetti kulturali, u naturalment il-Kunsill Lokali jaf ikun strumentali biex ir-rakkomandazzjonijiet proposti f'dan l-artiklu, jew għal ta' l-anqas xi wħud minnhom, jiġu imbottati 'l quddiem. Iżda bil-wisq aktar importanti minn finanzi hija l-ħeġġa li għandha tintwera mit-Tarxiniżi stess. L-apatija u l-passivita'





għandna ntajruha minn fuqna għax inkella nibqgħu staġnati u r-raħal tagħna ma jagħmilx progress.

Ħeġġa li għandha tintwera mhux biss fir-restawr u utilizzazzjoni ta' bini mibni mill-ġebla tal-franka li hi sinonima ma' Malta, iżda wkoll meta jiġu proposti proġetti ġodda. Hawn, bħala membru tal-Każin tal-Banda Marija Annunzjata ma nistax ma nsemmix il-proġett kbir u ta' impenn li ilhom jaħsbu u jaħdmu fuqu l-membri tal-Kumitat, jiġifieri l-bini ta' Każin tal-Banda ġdid. Faċli tgħid, "Kemm se jiġi sabiħ!" u tibqa' b'idejk fuq żaqqek tistennieh jitlesta. Biex ħolma u xewqat bħal dawn isiru realta' rridu niġbdu ħabel wieħed. B'hekk, bil-binja ta' djar antiki u binja ta' strutturi moderni, Ħal Tarxien, wieħed mill-bennieni taċ-ċiviltà Maltija, jikber fl-istatura tiegħu bħala raħal u r-residenti ta' hawn ikun jistgħu jħossuhom kburin meta jlissnu "Jien Tarxiniż". Il-mazz issa f'idejna.